bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Geoffrey Azzopardi)
vs
George Azzopardi, iben
Francis, imwieled Pieta'
fid-9 ta' marzu, 1963

Illum, 15 ta' novembru, 2001

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat -
a. talli fl-1 ta' mejju, 2000 fuq il-moll taċ-Ċirkewwa, limiti tal-Mellieħa, għal ħabta tat-8.30 a.m. ħebb għal Anthony Vella u kkaġunalu feriti ta' natura gravi skond kif iċċertifikaw Dr. Louis Bonello M.D. tal-poliklinika tal-Mosta u Dr. Miriam Sammut M.D. mill-isptar San Luqa;
b. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Doris Vella skond kif iċċertifika Dr. A. Formosa M.D.;
ċ. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xort'oħra li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, u cioe' lill-PC1425 Jesmond Bugeja, fil-waqt li dan kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
d. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC1425 Jesmond Bugeja, hawn fuq imsemmi, skond kif iċċertifika Dr. Gatt M.D.;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-20 ta' settembru, 2000 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' novembru, 2001 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 216(1)(d), 221(1) u 96 tal-Kodiċi Kriminali. Minħabba ċ-ċirkos-
tanzi tal-każ u l-fedina penali ta' l-imputat mhemmx lok għal piena karċerarja. Tilliberaħ taht il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.